MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2011

Citazzjoni Numru. 365/2010

**A B**
**vs**
**C D, E D mart l-istess C u minnu legalment separata u d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-24 ta' Dicembru, 2010 Dr Cedric Mifsud u l-Prokuratur Legali Gerald Bonello gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri F D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta:

A. Dikjarazzjoni tal-attur dwar l-oggett tal-kawza :

1. Illi fl-Att tat-Twelid, iskritt bin-numru 291 li dahal fir-Registru Pubbliku fil-25 ta' Jannar, 2010 hawn anness bhala Dok A, gie irregistrat illi fis-6 ta' Jannar, 2010 twieldet tifla li inghatat l-isem 'F', lill-konvenuta E D legalment separata fit-23 ta' Ottubru, 2009 minn mal-

konvenut C D, u l-istess C D gie irregistrat bhala il-missier u konsegwentement it-tifla giet irregistrata bhala ‘F D’;
2. Illi qabel l-imsemmi twelid, il-konvenuti konjugi D kienu gia ilhom ‘de facto’ separati ghal ghaxar xhur u aktar, minghajr qatt ma regghu inghaqdu flimkien;
3. Illi tul l-imsemmija ghaxar xhur qabel it-twelid u anke qabel, l-attur kellu relazzjonijiet intimi mal-konvenuta;
4. Illi fil-mori tas-separazzjoni ‘de facto’ u xahrejn u nofs qabel it-twelid, il-konvenuti D isseparaw legalment b’kuntratt fl-atti tan-Nutar C Tabone, ippubblikat fit-23 ta’ Ottubru, 2009 (Dok B anness);
5. Illi fis-6 ta’ Jannar, 2010 twieldet l-imsemmija tifla F mir-relazzjoni ta’ bejn l-attur u il-konvenuta E D;
6. Illi kif ikkonfermat fl-aness certifikat tad-DNA datat 26 ta’ Jannar, 2010 – l-attur A B huwa l-missier bijologiku tat-tifla irregistrata fl-Att tat-Twelid bhala ‘F D’;
7. Illi huwa ghandu interess u irid li l-istat rejali tat-tifla jigi rikonoxxut legalment u ghalhekk kellha issir din il-kawza;
8. Illi huwa jaf b’dawn il-fatti personalment;

B. Raguni tat-talba :

L-attur jippretendi bhala raguni ghat-talba :

Illi it-tifla tnizzlet fic-certifikat tat-twelid bhala ‘F D’ bint ‘C D’ unikament minhabba prezunzjoni legali, konsegwenti ghall-fatt :

- li l-omm E D kienet tul l-ghaxar xhur qabel it-twelid legalment mizzewga (kif ghadha) lil C D;
- u li ghad li ‘de facto’ separati ghall-istess perjodu kollu, ma kienux ghall-istess perjodu kollu legalment separati;

Illi fattwalment it-tifla F hija il-bint naturali u bijologika tal-attur, li giet koncepita minn relazzjoni li kellu mal-konvenuta E D;

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddikjara l-attur A B bhala l-missier naturali tat-tifla moghtija l-isem ‘F’, li twieldet fis-6 ta’ Jannar 2010 lill-konvenuta E D;
2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid Iskritt bin-Numru 291 tas-sena 2010 (Dok A anness), fis-sens illi:
a. fejn hemm l-intestatura ‘Taghrif dwar it-tarbija’, fil-kolonna ‘Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha jithassar il-kunjom ‘D’ u minfloku jiddahhal il-kunjom ‘B’;
b. u fejn hemm l-intestatura ‘Taghrif dwar Missier it-tarbija’, jithassar l-isem ‘C D’ u l-informazzjoni l-ohra kollha relatata mieghu, u minflok taht il-kolonna ‘Isem u kunjom’ jiddahhlu il-kliem ‘A B’, taht ‘Id-Dokument ta’ l-Identita in-numru ‘XXXXXXXXM’, taht ‘Eta’ in-numru ‘31’, taht ‘Fejn : Twieldu / Joqghodu’ rispettivament il-lokalitajiet ‘Pieta’ u ‘Qormi’, u taht ‘Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet’ il-kliem ‘Mario B (Alive)’.

Bl-ispejjez kontra il-konvenuti, minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi in vena preliminari huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li l-minuri F D tiġi msejjħa fil-kawża ġaladarba qed jintalab biex isiru tiswijiet fiċ-ċertifikat tat-twelid tagħha;

2. Illi *in limine litis* ukoll tiġi sollevata <u>l-improponibbilità parzjali tal-ewwel talba tar-rikorrenti</u> għaliex filwaqt li huwa għandu kull dritt *qua* terz interessat li jattakka l-filjazzjoni tal-minuri F D a tenur tal-**Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** fis-sens li jiġi dikjarat li l-istess F D mhijiex bint C D, min-naħa ‘l oħra l-liġi ma tagħtihx l-istess dritt li jaġixxi ġudizzjarjament biex jitlob li jiġi dikjarat li huwa l-missier naturali ta’ F D (Ara fost oħrajn is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell kolleġġjali fl-ismjiet ***Marco Vella vs. Pauline Cassar et nomine*** tal-25 ta’ Mejju 2007 u

***Dennis Thompson vs. Therese Spiteri et*** tal-31 ta' Ottubru 2007);

3. Illi fuq l-istess stregwa allura lanqas ma tista' tintlaqa' kompletament it-tieni talba tar-rikorrenti għaliex jekk kemm -il darba hu jirnexxilu jipprova għas-sodisfazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li l-minuri F D mhijiex il-wild naturali tal-intimat C D, f'dak il-każ il-minuri trid tiġi mniżżla bħala l-wild ta' persuna mhux magħrufa – naturalment dan isir mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tar-rikorrenti li sussegwentement wara l-għeluq ta' dawn il-proċeduri jimxi bit-tagħrif u r-reġistrazzjoni relattiva tal-imsemmija minuri a tenur tal-**Artikolu 86 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

4. Illi subordinatament għal dak li jikkonċerna mal-mertu, b'mod partikolari dwar il-paternità tal-minuri F D, l-esponent naturalment mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

5. Illi bla ħsara għas-suespost, biex ir-rikorrent jirnexxielu b'suċċess jattakka l-filjazzjoni tal-minuri F D huwa jeħtieġlu jipprova l-impossibilità fiżika tal-konġunġiment bejn il-konjuġi C D u E D tul il-perijodu li jsemmi l-**Artikolu 77 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

6. Illi fl-istess waqt ir-rikorrent irid ukoll jegħleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-**Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** billi adegwatament u konvinċentement juri li l-pussess ta' stat tal-minuri F D ma jaqbilx mal-att tat-twelid tagħha;

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti semghet ix-xiehda tal-konvenut C D illi xehed illi huwa issepara minn ma E D permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 28 ta' Ottubru 2009 u illi E D kienet telqet mid-dar fid-19 ta' Jannar 2009. C D kompla jixhed illi minn meta il-mara tieghu kienet telqet mid-dar qatt ma kienu regghu irrikonciljaw u ghalhekk xehed illi jaf illi l-minuri mhijiex it-tifla naturali tieghu.

Il-Qorti rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA u rat ukoll ix-xiehda ta' Dr Marisa Cassar illi iffirmat l-istess rapport xjentifiku, u mix-xiehda ta' Dr Cassar irrizulta illi mit-testijiet illi ghamlet irrizultalha illi A B karta ta' l-identita numru XXXXXXXXM huwa l-missier naturali ta' F. Illi Dr Marisa Cassar waslet ukoll ghal din il-konkluzjoni fir-rapport xjentifiku taghha.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku irtira it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet tieghu in vista ta' l-emendi ricenti fil-Ligi waqt is-seduta tat-22 ta' Frar 2011 u ghalhekk il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni u it-tielet eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tat-Registru Pubbliku.

Ikkunsidrat :

Illi ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti rat illi din l-eccezzjoni giet sorvolata peress illi gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-minuri f'din il-kawza u ghalhekk il-Qorti tasjeni wkoll milli tieghu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel eccezzjoni.

Illi ghal dak illi jirrigwarda il-hames u is-sitt eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, il-Qorti tara illi l-attur irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti ta' l-Artikolu 77 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u irnexxielu wkoll jeghleb il-presunzjoni legali maħluqa bis-saħħa tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta billi irnexxielu jipprova b'mod specjali mir-rizultanzi tar-rapport xjentifiku tad-DNA illi huwa il-missier naturali tal-minuri F D.

Ghaldaqsant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara lill-attur A B bhala l-missier naturali tat-tifla moghtija l-isem 'F', li twieldet fis-6 ta' Jannar 2010 lill-konvenuta E D, u konsegwentement qeghda tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi l-Att tat-Twelid Iskritt bin-Numru 291 tas-sena 2010 billi fejn hemm l-intestatura 'Taghrif dwar it-tarbija', fil-kolonna 'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha jithassar il-kunjom 'D' u minfloku jiddahhal il-kunjom 'B', fejn hemm l-intestatura 'Taghrif dwar Missier it-tarbija', jithassar l-isem 'C D' u l-informazzjoni l-ohra kollha relatata mieghu, u minflok taht il-kolonna 'Isem u kunjom' jiddahhlu il-kliem 'A B', taht 'Id-Dokument ta' l-Identita in-numru 'XXXXXXXXM', taht 'Eta' in-numru '31', taht 'Fejn : Twieldu / Joqghodu' rispettivament il-lokalitajiet 'Pieta' u 'Qormi', u taht 'Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet' il-kliem 'Mario B (haj)'; bl-ispejjez kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------